# ID-DAWL

LULJU 2018 NUMRU 7

## Li tieħu ħsieb l-iltiema jitqies bħala att ta' ġenerożità kbira



Ir-Rispett | Il-Kura tal-Iltiema | Il-Mużika | Il-Purezza Vera

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IR-RISPETT

Ir-rispett hu valur jew prinċipju kbir li wieħed jipprattika. Ir-rispett għandu importanza kbira fil-ħajja ta' kuljum. Dan huwa valur mill-isbaħ li jġib lin-nies eqreb lejn xulxin; jgħaqqad lin-nies u jistabbilixxi l-atmosfera tat-tolleranza u tal-armonija, li fl-aħħar iwassal għal soċjetà paċifika u prospera.

Huwa importanti li nuru r-rispett lin-nies kollha, madankollu, għandna niżviluppaw rispett kbir għan-nies li nikkunsidraw eżemplari fosthom il-Profeti ta' Alla.

Il-Profeti kollha li ġew mingħand Alla, matul l-istorja umana u f'kull żmien, huwa importanti ferm li wieħed jagħtihom ir-rispett u l-unur li jixraqilhom, u li ħadd ma jiżżuffjetta jew jinkoraġġixxi d-diżrispett lejn il-messaġġiera ta' Alla, il-fundaturi u l-personaġġi nobbli ta' reliġjonijiet differenti, inkluż Buddha, Mosè, Ġesù u Muħammad (il-paċi tkun dejjem magħhom).

Dan is-sens ta' rispett u unur reċiproku għall-messaġġiera u l-fundaturi tar-reliġjonijiet kollha dinjija jqiegħed is-sisien għall-fraternanza universali, l-armonija, it-tolleranza u l-paċi fid-dinja kollha.

---

**ID-DAWL**

Lulju 2018 – Numru 7 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**

---

Aqra "**ID-DAWL**" onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

Il-Qoxra: Kseniia Vladimirovna | shutterstock

# IL-KURA TAL-ILTIEMA

It-trobbija tal-iltiema hija affari delikata ferm u ta' importanza kbira. L-Iżlam jenfasizza bi prominenza dwar il-ħsieb u l-kura tal-iltiema. Jgħidilna li dawn għandhom jiġu meqjusa bħala membri tal-familja u għandhom jitrabbew bl-aqwa mod possibbli. Hija r-responsabbilità ta' dawk li jassumu r-rwol ta' kustodji li jipprovdu edukazzjoni tajba lill-iltiema taħt il-protezzjoni tagħhom u li jieħdu ħsieb sewwa tal-ġid tagħhom sakemm dawn ikunu kibru biżżejjed biex jieħdu ħsieb ħwejjiġhom.

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"Jistaqsuk (Muħammad) dwar l-iltiema. Għidulhom: 'Li tieħu ħsieb l-iltiema jitqies bħala att ta' ġenerożità kbira. M'hemm l-ebda problema li tgħixu magħhom, għaliex huma ħutkom. Alla jaf min jagħmel il-ħsara, u min jagħmel il-ġid.'" (2: 221)**

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien ta istruzzjonijiet dettaljati lill-Musulmani ta' kif għandhom jittrattaw lill-iltiema. Il-Qaddis Profeta[sa] nnifsu kien iltim; għalhekk kien jifhem sew x'kienu jħossu.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> **"L-aqwa dar Musulmana hija dik li turi mogħdrija mal-iltim, u l-agħar waħda hija dik fejn iltim jiġi ttrattat ħażin."**
>
> **"Jien u dak li jagħti kas tal-bżonnijiet ta' wieħed iltim u li jrabbih jew irabbiha bl-aħjar mod possibbli nkunu flimkien fil-Ġenna bħal żewġt iswaba' ta' id."**

# IL-QADDIS PROFETA MUĦAMMAD[SA]

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien il-profeta fundatur tal-Iżlam u l-wieħed magħżul li lilu kienet rivelata l-aħħar reliġjon. Huwa twieled f'familja nobbli fis-sena 570WK ġewwa Mekka, fl-Arabja Sawdita, u kien dixxendent tal-Profeta Abraħam (il-paċi tkun dejjem miegħu). Il-kelma 'Muħammad' litteralment tfisser 'ħaqqu t-tifħir'.

## ĦAJJET IL-PROFETA MUĦAMMAD[SA]

Missieru, Abdullaħ, miet ftit xhur qabel twieled u ommu, Aamina, mietet meta kellu biss sitt snin. Wara ħa ħsiebu n-nannu, Abdul-Muttalib, li wkoll miet sentejn wara. Imbagħad Muħammad[sa] trabba minn zijuh Abu-Talib.

Minkejja dawn id-diffikultajiet, Muħammad, is-sliem għalih, kiber f'persuna onesta, dinjituża, tħobb il-verità u intelliġenti. Għen ukoll lil zijuh fin-negozju u ġieli akkumpanjah fil-vjaġġi tiegħu f'artijiet oħra.

Muħammad, is-sliem għalih, għex ħajja qaddisa u sempliċi u kien magħruf għall-ġenerożità tiegħu. L-imġiba tiegħu kisbitlu t-titli ta' ***As-Siddique*** li tfisser 'l-iktar onest' u ***Al-Amin*** li tfisser 'l-iktar affidabbli'.

Meta kellu ħamsa u għoxrin sena Muħammad, is-sliem għalih, iżżewweġ armla rispettabbli bl-isem ta' Khadiġa[ra] li kienet ħmistax-il sena ikbar minnu. Khadiġa kienet tant impressjonata bil-karattru nobbli tiegħu li tatu l-ġid u l-iskjavi kollha tagħha – li spiċċa biex tahom il-libertà. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qassam ukoll ħafna mill-proprjetà fost il-foqra u dawk fil-bżonn.

## RIVELAZZJONI

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien iqatta' ħafna mill-ħin tiegħu fit-tifkira ta' Alla. Ta' spiss kien jimmedita f'għar bl-isem ta' ***Ħir'a*** li kien ftit mili 'l bogħod minn Mekka. Meta kellu erbgħin sena kellu viżjoni li fiha deherlu l-Anġlu Gabriel u għaddielu l-ewwel rivelazzjoni minn Alla b'dan il-kliem:

**"Aqra (Muħammad) f'Isem Sidek li ħalaq, ħalaq lill-bniedem minn demm magħqud. Aqra! Sidek huwa l-iktar Nobbli, li għallem bil-pinna; għallem lill-bniedem dak li ma jafx."** (Koran Imqaddes Ka.96:Vs.2-6)



Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien tant miblugħ b'din l-esperjenza li ħarab jiġri d-dar u rrakkonta kollox lill-mara tiegħu Khadiġa (fuqha s-sliem dejjiemi), li ħaditu għand il-kuġin tagħha Waraqa bin Naufal li kien eremita Nisrani. Hekk kif sema' dak li kien ġara Waraqa qal: "L-anġlu li niżel fuqek huwa żgur l-anġlu li niżel fuq Mosè." Kien qed jirreferi għall-profezija 18:18 fid-Dewteronomju ("Inrawwem fosthom Profeta, u npoġġi l-kliem Tiegħi f'ħalqu; u dan jgħidilhom dak kollu li Jien nikkmandah.") li bassret il-miġja ta' profeta kbir. Din, fil-fatt, tat sinjal għall-bidu tal-missjoni tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, bħala profeta u messaġġier ta' Alla. Il-versi msemmija hawn fuq huma l-ewwel versi tal-Koran Imqaddes rivelati lill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih. Fuq medda ta' 23 sena kien rivelat il-Koran Imqaddes kollu u sal-lum it-test kollu għadu kompletament mhux mibdul.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien il-***Moħsin-e-Insaanijjat*** (il-Benefattur tal-Umanità), ir-***Raħmatul-lil-Aalameen*** (il-Ħniena tal-Umanità) u l-Maħbub ta' Alla li b'diqa kbira kien jishar tul il-lejl kollu biex l-umanità ma tintilifx. Huwa kien jesprimi din id-diqa u n-niket kollu biex itaffi mill-weġgħat tal-bnedmin tant li Alla fl-imħabba tiegħu, waqt li kien qed jindirizza lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal, li bi pjaċir se tnikket lilek innifsek sal-mewt b'diqa għalihom jekk ma jemmnux fil-Ħallieq?

# IL-MUŻIKA HIJA PERMISSIBBLI FL-IŻLAM?

(Se nippreżentaw hawnhekk parti minn sessjoni ta' mistoqsija u tweġiba ma' Ħażrat Mirża Taħir Aħmad(ru), Kalifatul-Masiħ IV, ir-Raba' Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana.)

**Dak li jsaqsi: "Xi ħadd li naf għandu l-vizzju ikrah li jisma' l-mużika. Il-mistoqsija tiegħi hija: x'inhi l-qagħda tal-mużika [fl-Iżlam]?"**

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad(ru): "Qed tara, dan inti qed issejjaħlu vizzju ikrah; kollox jiddependi mill-grad tal-abitudni u l-kwalità tal-mużika. Il-mużika fiha nnifisha, wara kollox, ma tistax titqies bħala ħażina. Anki l-inbid fil-Koran Imqaddes mhuwiex meqjus bħala assolutament ħażin. Saħansitra l-logħob bl-idejn u s-saqajn u affarijiet bħal dawn mhumiex għalkollox ħżiena. Dak li hu mfisser, il-prinċipju definit, huwa li xi ħaġa li għandha 'l fuq jew aktar minn 50% ħażin fiha għandha tiġi mwarrba u miċħuda filwaqt li xi ħaġa li għandha inqas minn 50% ta' ħwejjeġ ħżiena fiha, l-affarijiet tajba li tħaddan għandhom jiġu utilizzati u l-affarijiet ħżiena mwarrba. Issa l-mużika taqa' f'art li fil-fatt mhi ta' ħadd; la hija kompletament riġettata u lanqas mhi permessa bla kundizzjonijiet.

Aħna nafu li fi żmien Ħażrat Muħammad(sa) meta daħal ġewwa Madinah, in-nisa t'hemm, waqt li laqgħuh, kantaw innu ta' merħba u ħabbtu fuq it-tanbur, li jissejjaħ *daff*. Issa, dik kienet sura ta' mużika li kienu jużaw l-Għarab; ħadd ma jista' jgħid li ma kinitx mużika. Iżda dik ma kinitx id-drawwa ta' Rasulullah(sa) [il-Qaddis Profeta Muħammad] li jħalli lid-Dixxipli jieħdu sehem f'ċelebrazzjonijiet u sessjonijiet ta' mużika, u li jintilfu fiha. Dik ma kinitx l-abitudni tagħhom. Minflok huma kienu jieħdu gost bir-reċitazzjoni tal-Koran, jew jisimgħu l-versi sbieħ, u mimlija tifsir, ta' poeti l-kbar. Iżda bil-mod l-esperjenza tagħhom twessgħet u fl-aħħar imxew mill-poeżija għall-Koran. Għaldaqstant, huwa meħtieġ ftit żmien ta' sabar biex wieħed itejjeb il-kwalità tal-esperjenzi tiegħu, u mingħajr dan ma jkunx sewwa li wieħed jabbanduna ċertu affarijiet.

F'dawn l-affarijiet tidħol il-kwistjoni ta' x'wieħed jogħġbu jew ma jogħġbux. F'affarijiet oħra l-projbizzjoni hija ċara u ħarxa u ma tistax tibdilha. Ma tistax tgħid li jrid jogħġbok aktar l-ilma qabel ma tieqaf tixrob l-inbid. Le, le, wieħed ma jistax jagħmel hekk għaliex l-inbid mhux permissibbli u dak li mhuwiex permess mhux permess, iżda l-mużika ma taqax f'dik il-kategorija. Għaliha tista' tieħu triq għaqlija ħalli jkun hemm ħelsien gradwali u sistematiku minn dik id-drawwa.

U meta niġu għall-mużika moderna jien ma nafx kif in-nies jissaportuha! Mhi xejn ħlief bluha! Jien m'għandi l-ebda nuqqas ta' rispett lejn il-mużika, għaliex naf li l-mużika klassika tħaddan xi ftit nobilità fiha. Hija kienet toħroġ l-aħjar kwalitajiet fil-bniedem, b'mod li lanqas huwa stess ma jifhem. Iżda l-kompożituri kienu nies mill-aqwa. Huma xtaqu, anki jekk is-suġġett kien ta' dwejjaq, huma xtaqu li jwasslu t-tema tal-miżerja tan-nies lis-semmiegħa tal-mużika – li kien hemm ħaddieħor li qed isofri. Huma tnikktu, mingħajr ħadd ma jsemmi lil ħadd, mingħajr l-ebda storja ma tingħad bil-fomm. Il-mużika kienet tqanqal dan kollu, u huma tnikktu u bdew jibku, lanqas jafu għal xiex, iżda meta ħarġu mis-swali kienu nies ħafna aħjar milli daħlu. Għalhekk il-mużika serviet għal xi ħaġa, u din ix-xi ħaġa kienet nobbli.

Issa fejn jirrigwarda l-mużika moderna meta n-nies joħorġu mis-swali, jitilqu b'naqra ġenn u kilba ta' xi ħaġa li ma jistax ikollhom, u li għaliha saħansitra jkunu lesti li joqtlu lil ħaddieħor jew jisirqu minħabba d-drogi; dak il-ferħ kbir, dak il-ferħ artifiċjali, ikun jeħtieġ aktar drogi. Għalhekk l-effett li tħalli din l-'hekk imsejħa mużika' moderna huwa ikrah u malinn, u s-soċjetà taħt l-influwenza tagħha qed issir aktar permissiva, qiegħda titbiegħed iżjed mill-valuri tradizzjonali, għalhekk din il-mużika hija assolutament ħażina u distruttiva.

Għalhekk ma nistax nittratta forom differenti ta' mużika bl-istess mod; għalhekk għedt li tridu tkunu għaqlin u selettivi fl-għażliet tagħkom. Li xi kultant tisimgħu l-mużika ma tistax titqies bħala drawwa li tibgħatkom l-infern, nista' naċċertakom minn dan! Iżda, jekk din il-mużika taħkimkom u ma tagħtux kas tal-valuri għolja, ma tiftakrux f'Alla, jekk tinsew it-talb, jekk din il-mużika ssir kollox u ssir l-uniku ambizzjoni u ossessjoni tagħkom; jekk iseħħ dan mela intom ovvjament tkunu tliftu kollox."

## IL-PUREZZA VERA

"Huwa xieraq li intom tissimpatizzaw mal-oħrajn u li tippurifikaw lilkom infuskom sabiex intom tkunu tistgħu tieħdu sehem sa ċertu grad mill-kwalitajiet tal-Ispirtu Qaddis. Ftakru li mingħajr l-Ispirtu Qaddis ma tistgħux takkwistaw il-purezza vera. Warrbu għalkollox ix-xewqat bażiċi annimaleski li qegħdin ġewwa fikom, u segwu t-triq tal-kuntentizza ta' Alla, għalkemm hi l-idjaq u l-iktar diffiċli minnhom kollha. Titgħaxxqux bil-pjaċiri tad-dinja, għaliex jeħdukom 'il bogħod minn Alla. Għixu l-ħajja iebsa għal Alla. Dik it-tbatija li togħġob lil Alla hi aħjar mill-pjaċir li ma jogħġbUx. Dik it-telfa li togħġob lil Alla hi aħjar mir-rebħa li trebbaħkom il-korla Tiegħu. Aħarbu dik l-imħabba li tressaqkom lejn l-għadab ta' Alla. Jekk tersqu Lejh b'qalb safja, Hu jgħinkom b'kull mod u l-ebda għadu ma jkun jista' jagħmlilkom ħsara."

*(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], Ruħani Kħażża'in, Vol.20, p.307)*

---

## IL-LIBSA S-SEWWA

"***Libas-ut-Taqwa*** - il-libsa tas-sewwa hi terminu tal-Koran Imqaddes. Din turi li s-sbuħija spiritwali u t-tiżjin spiritwali tistgħu takkwistawhom biss bis-sewwa. U s-sewwa tfisser li bniedem għandu, bl-akbar ħila tiegħu, jaqdi r-responsabbiltajiet li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċitajiet u l-patt ta' fidi ma' Alla bħala fiduċja sagra. Għandu wkoll iqis sew x'obbligazzjonijiet għandu ma' sħabu l-bnedmin u ma' dak kollu maħluq minn Alla bħala fiduċja imposta fuqu. Hu għandu jimxi fit-triq tas-sewwa sal-inqas dettall skont l-akbar ħila tiegħu."

*(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], Ruħani Kħażża'in, Vol.21, p.210)*

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**